**Minuti tat-371 laqgħa tal-Kunsill li saret nhar**
**l-Erbgħa, 16 ta' Ġunju, 2010**

Il-laqgħa bdiet fis-6.20 ta' filgħaxija b'talba. Is-Sindku, is-Sur Domenic Agius, ippresieda l-laqgħa.

<u>Item 1 – Attendenza u Apoloġiji</u>

Preżenti kienu s-Sindku s-Sur Domenic Agius u l-Kunsillieri s-Sur Joseph Buttigieg, is-Sur Mark Grech, is-Sur Joseph Bonnici, is-Sur Keith Pisani, is-Sur Robert Buhagiar, is-Sur Frans Catania u s-Sinjura Anna Calleja. Il-Viċi Sindku s-Sur John J Pace daħal għal-laqgħa fis-6.25 ta' filgħaxija.

<u>Item 2 – Approvazzjoni tal-Minuti</u>

Fuq proposta tas-Sur Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sur Bonnici, il-Kunsill approva unanimament il-minuti tat-370 laqgħa.

Fis-6.25 ta' filgħaxija il-Viċi Sindku s-Sur John J Pace daħal għal-laqgħa.

<u>Item 3 – Mistoqsijiet u Affarijiet mill-Minuti</u>

Is-Sur Buttigieg staqsa jekk il-*culverts* f'Misraħ San Gakbu kienux ser jiġu rranġati Is-Segretarju Eżekuttiv qal li dan ix-xogħol kien ser isir mill-ħaddiema tal-Kunsill.

Is-Sur Catania staqsa meta ser issir il-manutenzjoni tat-tlett toroq li l-Kunsill ddeċieda li jagħmel. Is-Sindku qal li l-Kunsill kien għadu ma rċievix risposta mill-Gvern dwar it-talba għall-għajnuna finanzjarja li għamel taħt l-iskema *Public Private Partnership*.

Is-Sur Catania staqsa meta kien ser isir ix-xogħol ta' manutenzjoni fi Triq is-Santwarju. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li l-Kunsill kien reġa' kiteb lill-*Transport Malta* li kellha tagħmel dan ix-xogħol.

<u>Item 4 – Minuti tas-Sottokumitati</u>

Inqraw il-minuti tas-Sottokumitat għall-Anzjani. Dawn il-minuti ġew approvati unanimament mill-Kunsill fuq proposta tas-Sur Buhagiar li ġiet issekondata mis-Sur Bonnici.

Item 5 – Korrispondenza

Inqrat korrispondenza mibgħuta mill-Kumitat ta' *Wirt Kulturali* fejn il-Kunsill ġie mistieden għal-'*Presentation* Annwali' li ser issir nhar il-Ħamis, 17 ta' Ġunju, 2010 fis-siegħa ta' wara nofsinhar.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mill-kumpanija *Alfred Schembri & Sons Ltd* dwar ix-xogħol ta' manutenzjoni li sar fi Triq G Agius Muscat. Din il-kumpanija talbet lill-Kunsill biex izomm 10% tal-ammont dovut għax-xogħol li sar f'din it-triq għall-perjodu ta' sentejn bħala garanzija tax-xogħol li sar fit-triq. Is-Sur Buttigieg ippropona li din it-talba m'għandhiex tiġi aċċettata u x-xogħol f'din it-triq għandu jerġa' jsir sew mill-ġdid. Is-Sur Buhagiar issekonda l-proposta tas-Sur Buttigieg u l-Kunsill qabel unanimament.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mill-Għaqda Madonna tal-Grazzja Banda San Mikiel dwar l-attivitajiet li din l-Għaqda ser torganizza matul ix-xahar ta' Ġunju.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mit-*Transport Malta* dwar il-ħtieġa li jitneħħew sinjali ta' traffiku li hemm fi Triq il-Farfett tal-Fejġel. Is-Sur Bonnici ppropona li jitneħħew dawn is-sinjali. Is-Sur Buttigieg issekonda l-proposta tas-Sur Bonnici u l-Kunsill qabel unanimament.

Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq ir-rapport dwar il-punti li tqajjmu fid-diskussjoni li kien hemm f'laqgħa li saret dwar ir-reġjun tax-Xlokk.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mid-Direttur Ġenerali, għall-Informazzjoni, Gvern Lokali u Konsultazzjoni Pubblika dwar l-allokazzjoni finanzjarja Kumitat Amministrattiv St Peter's (Lulju – Diċembru 2010). Il-Komunita' ta' St Peter's fil-Kunsill Lokali ta' Ħaż-Żabbar ser tieħu l-ammont ta' €31,113.50 bħala allokazzjoni għall-perjodu Lulju – Diċembru 2010.

Inqrat korripondenza mibgħuta mill-*One Productions Ltd* dwar stedina għall-Programm – Sajf 2010.

Inqrat korrispondenza mibgħuta minn residenta li toqgħod fi Triq iċ-Ċimiterju dwar l-istat ħazin li tinsab it-triq.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mis-Segretarjat Parlamentari għall-Konsumatur, Kompetizzjoni Ġusta, Kunsilli Lokali u Djalogu Pubbliku rigward *Memo* 12/2010 dwar għajnuna għat-tħawwil ta' siġar. Il-Kunsill ġie nfurmat li din l-iskema se tinzamm sakemm jiġi deċiz kif il-Kunsilli jistgħu jibbenefikaw billi jħawwlu l-akbar ammont ta' siġar possibli.

Item 6 – Xogħol tal-Kunsill

Approvazzjoni ta' Finanzi

Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill is-*schedule of payments* għall-perjodu ta' bejn it-28 ta' Mejju, 2010 u s-16 ta' Ġunju, 2010 li kien jammonta għal €43,002.98. Dan ġie approvat unanimament fuq proposta tas-Sur Bonnici li ġiet issekondata mis-Sur Buttigieg.

Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq ukoll quddiem il-Kunsill il-*petty cash expenditure* għax-xahar ta' Mejju 2010 li kien jammonta għal €150.15. Dan ukoll ġie approvat unanimament fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Bonnici.

Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq talba oħra bil-miktub mill-Uffiċċjal Eżekuttiv tal-Kunsill is-Sinjura Alison Agius din id-darba għal '*Career Break*' ta' tlett snin. Is-Sindku ppropona li din it-talba għandha tiġi aċċettata. Il-Viċi Sindku ssekonda l-proposta tas-Sindku u l-Kunsill qabel unanimament li jaċċetta t-talba ta' din l-impjegata.

Aġġudikazzjoni tal-offerti għax-xogħol ta' Titjib fiċ-Ċentru Ċiviku (ZLC 4/2010).

Is-Segretarju Eżekuttiv rega' ddiskuta r-rapport li tħejja mill-Perit Dr George Buhagiar dwar l-offerti mitfugħa għax-xogħol ta' titjib fiċ-Ċentru Ċiviku ta' Ħaż-Żabbar (ZLC 4/2010). Peress illi l-ebda offerent ma ssottometta d-dokumenti u l-kapjuni kollha li kienu mitluba, is-Sindku ppropona li għandha tinħareġ sejħa ġdida għall-offerti. Is-Sur Pisani ssekonda l-proposta tas-Sindku u l-Kunsill qabel unanimament li tinħareġ l-offerta ġdida.

Aġġudikazzjoni tal-offerti għas-Servizz ta' Ġbir ta' Skart Domestiku Mħallat (ZLC 5/2010)

Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq quddiem il-Kunsill l-offerti li ġew sottomessi għas-servizz ta' Ġbir ta' Skart Domestiku mħallat (ZLC 5/2010). L-offerti kienu kif ġej:

Rati għal kull ġurnata

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sur Nicholas Casha | | Is-Sur Mark Bonnici |
| Għallis | għall-prezz ta' €420 | għall-prezz ta' €540 |
| Sant Antnin | għall-prezz ta' €415 | għall-prezz ta' €509 |
| Għallis | Fuel għall-prezz ta' €20 | għall-prezz ta' €109.20 |
| Sant Antnin | Fuel għall-prezz ta' €16 | għall-prezz ta' €87.36 |
| (*Technical Max* 60%) 73/100 | (44%) | (*Technical Max* 60%) 68/100 (41%) |
| (*Financial Max* 40%) | (28%) | (*Financial Max* 40%) (14%) |

Il-garanziji bankarji u d-dokumenti mitluba kienu kollha sottomessi u ffirmati mill-offerenti. Fuq proposta tas-Sur Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sur Bonnici, il-Kunsill qabel unanimament li tintgħażel l-offerta mingħand is-Sur Nicholas Casha li kienet l-aktar offerta vantaġġjuza.

Item 7 – Affarijiet Oħra

Is-Sur Catania talab biex titneħħa *road hump* li hemm fi Triq Bajada ma' Triq G Agius Muscat.

Is-Sur Catania semma l-bżonn li jitwaħħlu iktar *litter bins* u *ashtray bins* f'ċerti postijiet frekwentati mill-pubbliku.

Is-Sinjura Calleja semmiet il-bżonn li ssir *road hump* fi Triq iż-Żingla.

Is-Sinjura Calleja semmiet il-bżonn li jiġu rranġati kaptelli li hemm fi Triq ix-Xgħajra.

Is-Sinjura Calleja talbet biex ix-xogħol fuq il-bankina fi Triq il-Kapuċċini jitkompla fl-iqsar żmien.

Is-Sur Grech semma l-bżonn li ssir *road hump* fi Triq iċ-Ċimiterju viċin Misraħ San Ġakbu.

Is-Sur Buhagiar informa lill-Kunsill li nhar il-Ġimgħa, 25 ta' Ġunju, 2010, ser issir laqgħa fis-sala tal-Kunsill organizzata mil-MCAST għall-istudenti li għadhom kemm spiċċaw l-aħħar sena tal-iskola sekondarja.

Is-Sur Buhagiar tkellem dwar il-laqgħa li hu u l-kunsillier Keith Pisani attendew dwar il-korsijiet *lifelong learning*. Il-korsijiet li ser jibdew f'Ottubru ser ikunu fil-lingwa maltija, l-ingliz u l-matematika, kif ukoll ser isiru korsijiet għall-ġenituri biex jingħataw taħriġ dwar kif għandhom jgħinu lill-uliedhom.

Is-Sur Pisani ppropona li nhar il-Ħadd, 25 ta' Lulju, 2010 fit-Teatru Grieg tiġi organizzata attivita' b'tema soċjali b'mod partikulari dwar il-kummerċ ġust. Is-Sur Buttigieg issekonda l-proposta tas-Sur Pisani u l-Kunsill qabel unanimament li ssir din l-attivita'.

Is-Sur Buttigieg reġa' talab biex issir il-bankina quddiem il-ħanut *Crazy Horse* fi Triq Wied il-Għajn kif ukoll fi Triq ix-Xgħajra.

Is-Sur Buttigieg semma l-bżonn li tiġi rranġata il-*manhole* li hemm fi Triq is-Santwarju ma' Pjazza Medjatriċi.

Is-Sur Buttigieg qal li waqt ix-xogħol li sar fi Triq Villabate kienet inqalgħet tabella li tindika l-isem ta' Trejqet Wied ta' Mazza u baqgħet ma twaħħlitx. Konsegwenza ta' dan, ir-residenti qed jilmentaw li l-pubbliku mhux qed isib din it-triq peress illi m'hemmx l-isem tat-triq imwaħħal.

Is-Sur Pace reġa talab biex niktbu lill-persuna li kienet qalgħet il-ħnejja fi Sqaq il-Mirakli biex din terġa' titwaħħal minnufih.

Il-laqgħa spiċċat fit-8.15 ta' filgħaxija.

Duncan Busuttil
Segretarju Eżekuttiv

Dawn il-minuti ġew approvati fit-372 laqgħa li saret nhar il-Ħamis, 15 ta' Lulju, 2010.

Domenic Agius
Sindku